**19 ta' April, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Maria Bezzina

**Serq — Approprjazzjoni Indebita — Impjegat — Kwerela — Appell — Art. 308 u 427 (4) tal-Kap. 12.**

*Hu paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, anki maltija, illi, meta l-konsenja tal-ħaġa ma hix ġenerali tal-oġġetti kollha li jkunu f'post, bħal ma hu l-każ ta' seftur li jkun jippresta l-opera tiegħu f'dar, imma hi konsenja speċjali u limitata, kif inhu l-każ ta' min jafda oġġett f'idejn ħadd ieħor biex dan iqiegħedu f'post determinat, li mbgħad, minflok, japproprija ruħu minnu, huwa l-każ, mhux ta' serq, imma ta' approprjazzjoni indebita. Kien ikun divers il-każ kieku, avvolja l-konsenja kienet speċjali u limitata, min għamel il-konsenja mar hu stess, jew bagħat lil xi ħadd ieħor, biex jiżgura li dak l-oġġett jitqiegħed fil-post determinat. Dak l-affidament speċjali jelimina t-titolu ta' serq u jissostitwieh b'dak tal-approprjazzjoni ndebita.*

*L-approprjazzjoni ndebita ssir aggravata, jew kwalifikata, jekk l-oġġett ikun ġie fdat lil min approprja ruħu minnu in raġuni tas-servizz tiegħu; ma hemmx bżonn li dan is-servizz ikun jikkonsisti fl-impjeg regolari bi ħlas, imma hu biżżejjed li dan is-servizz kien jingħata kulltant, u anki b'kumpensi oħra li ma humiex flus.*

*Meta l-approprjazzjoni ndebita hi aggravata, mhix meħtieġa l-kwerela, imma r-reat hu persegwibbli "ex officio".*

*L-appell mill-meritu jikkomprendi appell minn deċiżjoni preambula, avvolja ma tkunx speċifikata espressament fir-rikors tal-appell.*

*Il-provi indizjarji huma suffiċjenti biex iwasslu għall-konvinzjoni tal-imputat, u mhux ta' bilfors jeħtieġu l-provi diretti;*

*purkè l-provi indizjarji jkunu tali li jkunu konkordanti filli jipproduċu preżunzjoni qawwija tal-ħtija tal-imputat.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-5 ta' Novembru 1957, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-akkuża talli l-imputata, f'dawn l-aħħar sentejn, Ħaż-Żabbar, ikkommettiet serq ta' somma ta' £400 għad-detriment ta' Concetta Bongailas; liema serq huwa kwalifikat bl-ammont u bil-persuna;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Frar 1958, li biha sabet lill-imputata ħatja talli f'dawn l-aħħar sentejn, mit-12 ta' Ottubru, 1957, approprjat ruħha, billi dawret bi profitt għaliha, somma ta' flus ta' aktar minn £100 li kienet ġiet fdata lilha fil-waqt li kienet toqgħod ma' zijitha Concetta Bongailas sabiex l-istess somma tiġi depożitata f'kaxxa li kienet tinsab għand Maria Teresa Attard; u kkundannatha għall-piena ta' disgħa xhur lavori forzati; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-imputata, minn sentejn qabel is-17 ta' Diċembru 1956, kienet tikkoabita maz-zija tagħha Concetta Bongailas, u kienet taqdiha f'diversi affarijiet. Fis-26 ta' Lulju 1956 Concetta Bongailas niżlet il-Belt Valletta flimkien mal-imputata biex tirtira £100 mill-kont korrenti u £400 mill-£1000 li kienu depożitati b'ċedola. Concetta Bongailas niżlet il-Belt għal dan l-iskop flimkien mal-imputata u mal-għarus tagħha Pawlu Bezzina. Wara li għamlu din l-operazzjoni rritornaw Ħaż-Żabbar, u Concetta Bongailas tat il-£100 żbankati mill-kont korrent lil Pawlu Bezzina, għax qal li kellu bżonnhom, u l-£400 kkonsenjathom lill-imputata, u qaltilha biex tmur taqfilhom fil-kaxxa tal-landa Dok. "B", li kienet tinsab għand Maria Teresa Attard, ftit passi bogħod minn fejn kienet toqgħod Concetta Bongailas;

Din Teresa Attard tiġi wkoll minn Concetta Bongailas, u kienet ilha tafdalha dehebijiet, djamanti u flus, u kienet iżżommhom għandha billi din Maria Teresa Attard, jew

ħuha Ġużeppi Attard, ma kienux iħallu d-dar tagħhom weħedha; wieħed minnhom kien dejjem ikun hemm;

Għall-ħabta ta' Settembru 1956, Concetta Bongailas qalet lill-imputata biex tmur tirtira l-£400 mill-kaxxa li kellha depożitata għand Maria Teresa Attard. L-imputata darba qalet li kienet tilfet iċ-ċavetta, darb'oħra qalet li ma kienetx tiflaħ għax kienet marida bil-kliewi, baqgħet hekk tittrattjeni issa għal raġuni u issa għal oħra, u spiċċat li dawn il-flus ma marretx għalihom;

Concetta Bongailas spiċċat biex marret hi stess għand Maria Teresa Attard, fetħet il-kaxxa dok. "B" billi kissret il-katnazz, u, meta fetħitha, l-£400 ma sabithomx ġo fiha;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jidher......;

*Omissis;*

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, u talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hi tiġi liberata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Erbgħa huma l-gravami tal-appellanti (verbal fol. 62), ċjoè:— (1) Li ma hux il-każ ta' approprjazzjoni ndebita aggravata, u għalhekk teħtieġ il-kwerela, li fil-każ ma hemmx; (2) li ma hux il-każ ta' approprjazzjoni, għax ir-refurtiva ma kienetx fil-pussess tal-imputata; (3) li l-provi mhumiex suffiċjenti; (4) in subordine, mitigazzjoni tal-piena;

Ikkunsidrat;

Irriżulta mill-provi li ċerta Concetta Bongailas, li magħha kienet tikkoabita l-imputata, u li tiġi z-zija ta' ommha, kienet soltu żżomm kaxxa għand ċerti Teresa u Giuseppe Attard, aħwa, li fiha kienet iżżomm maqfula oġ-

ġetti prezzjużi tagħha, u li fiha l-imputata ġiet inkarikata mill-istess Bongailas sabiex tqiegħed, wara li ġew żbankati, l-£400 in kwistjoni. Iċ-ċwievet tal-katnazz li bih kienet maqfula l-kaxxa ġew konsenjati u baqgħu għand l-imputata, bla ma Bongailas talbithomlha lura;

Issa (apparti għall-mument il-kwistjoni tal-kolpabilità), il-każ hu wieħed ta' approprjazzjoni ndebita; għax hu paċifiku fid-dottrina u l-ġurisprudenza, anki maltija, illi, meta l-konsenja tal-ħaġa ma hix ġenerali tal-oġġetti kollha li jkunu f'post, bħal ma hi dik fil-każ ta' seftur li jkun jippresta l-opera tiegħu f'dar, imma hi konsenja speċjali u limitata, kif kienet din li fiha Bongailas fdat lill-imputata dawn l-£400 biex tqegħedhom ġewwa l-kaxxa fuq imsemmija, allura hemm, mhux serq, imma approprjazzjoni ndbita. Kien ikun divers il-każ kieku, avvolja l-konsenja kienet speċjali u limitata, Bongailas marret hi stess jew bagħtet lil ħadd ieħor biex tiżgura li l-£400 jitqegħdu ġewwa l-kaxxa (ara Rex. vs. Pisani, 2 ta' Diċembru 1941, deċiżjoni ta' din il-Qorti kolleġjalment kostitwita). Meta naqsu dawn l-£400, iċ-ċwievet kienu għadhom, jew imisshom għadhom, f'idejn l-imputata, u ma kienux għand Bongailas; u għalhekk il-pussess tal-kontenut tal-kaxxa kien għadu dejjem fdat lill-imputata. Kien hemm, għalhekk, affidament speċjali fil-perijodu kollu rilevanti, ċjoè minn mindu l-imputata ġiet inkarikata tqiegħed l-£400 fil-kaxxa sakemm dawn naqsu; u dak l-affidament speċjali jelimina t-titolu ta' serq u jissostitwieh b'dak ta' approprjazzjoni ndebita;

Din l-approprjazzjoni kienet anki aggravata, peress li s-somma ta' flus fuq imsemmija ġiet fdata lill-imputata b'raġun tas-servizz tagħha. Ma hemmx bżonn li dan is-servizz ikun jikkonsisti fl-impjeg regolari tal-imputata bi ħlas. Irriżulta li l-imputata kienet toqgħod ma' Bongailas, li aktarx xi assistenza fid-dar kienet tagħtiha; tant illi, meta ħarġet mid-dar l-imputata, Bongailas daħħlet serva; u għalkemm Bongailas ma kienetx tħallas salarju lill-imputata, kienet tagħtiha kumpensi oħra f'affarijiet prezzjużi u fi flus. Kienet tinkarikaha ta' spiss biex tiddepożitalha flus għand Teresa Attard, jew iġġibilha flus minn dawk id-depożiti. Għalhekk din il-konsenja speċjali kienet tidħol fl-isfera ta' dawn is-servizzi. Issa, ġie deċiż (ara sentenza

Cassaz. Penale, 26 ta' Lulju 1894, Sensoli, Riv. Pen. XL, 402) li l-kelma "servizio", użata fl-art. 419 tal-Kod. Krim. Taljan, simili, "quoad subjectam materiam", għall-art. 308 tagħna, tista' tikkonsisti anki f'inkariku privat;

Għal dawn ir-raġunijiet, iż-żewġ gravami tal-ewwel ma humiex fondati, għax si tratta ta' approprjazzjoni ndebita, u għax, peress li hi aggravata, għalhekk, fit-termini tal-art, 308 Kap. 12, ma teħtieġx kwerela, billi f'każ simili r-reat hu persegwibbli "ex officio";

Verament, l-imputata, fir-rikors tagħha tal-appell, ma talbetx ir-revoka tad-deċiżjoni "in parte" tal-Ewwel Qorti tas-7 ta' Diċembru 1957 dwar in-nuqqas ta' kwerela; imma din il-Qorti l-istess kellha tikkunsidra din il-kwistjoni, risollevata mill-imputata, stante d-dispost tal-art. 427(4) Kap. 12, fis-sens li l-appell mill-meritu jikkomprendi appell minn dik id-deċiżjoni preambula, avvolja mhix speċifikatament indikata;

Ikkunsidrat, dwar it-tielet gravam, tal-insuffiċjenza tal-provi;

Hu veru li ma hemmx provi diretti, iżda biss indizjarji; imma, kif intqal mill-Qorti Kriminali tal-Appell Ingliża in R. v. Taylor, 21 Cr. App. R. 21, "it is no derogation of evidence to say that it is circumstantial"; u kif osserva l-awtur Powell fit-test tiegħu "On Evidence", p. 489, "if the circumstantial evidence dovetails well together, and raises a violent presumption of the prisoner's guilt, then it will be as cogent as direct evidence";

Ikkunsidrat;

Wara eżami akkurat tal-provi, u wara li qieset tajjeb l-osservazzjonijiet tad-difiża, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li s-serje konkatenata ta' indizji, li qagħdet fuqhom l-Ewwel Qorti, tikkonduċi għall-konvinċiment tar-reità tal-imputata. Din il-Qorti ma ssib xejn x'iżżid mal-espożizzjoni ta' dawn il-provi indizjarji, magħmula dettaljatament mill-Qorti tal-Ewwel Istanza f'mod eżawrjenti u komplet, u tadotta dawk ir-raġunamenti;

Kwantu għall-gravam subordinat ta' mitigazzjoni tal-piena;

Ma jidherx li l-każ hu tali li jissuġġerixxi li jiġi akkolt dan il-gravam. Forsi d-difiża ma kkunsidratx......;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.